MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Numru. 298/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Jesmond Borg**

**VS**

**Omissis;**

**Omissis;**

**Carmel Galea, iben il-mejtin Saviour u Josephine nee' Agius, imwieled il-Birgu nhar is-6 ta' Frar, 1938, residenti fil-fond numru 83, Triq Abram Gatt, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' numru 136038M;**

**Omissis;**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Carmel Galea** li gie akkuzat talli, fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Ottubru, 2010, b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differenti fil-Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

A. Nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tad-9.30 ta' filghaxija, filwaqt illi kien fir-residenza li tinsab fil-fond numru 83, Triq Abram Gatt, gewwa Bormla, u aktar tard, filwaqt illi kien qieghed isuq minn Bormla lejn l-Imsida, u kien fl-istess inhawi tal-Imsida, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat sabiex jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra l-persuna ta' Rita Agius mill-Kalkara kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata, waqt liema delitt heddha li joqtolha jew jaghmlilha offiza fuq il-persuna taghha, u dan bi ksur tal-Art 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

B. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga u dan bi ksur tal-Art 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

C. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza u dan bi ksur tal-Art 251(B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

D. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, ingurja u hedded lil Rita Agius u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

E. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, cioe' kemm fl-inhawi ta' Bormla, kif ukoll fl-inhawi tal-Imsida, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

G. U aktar talli **Reno Azzopardi, Carmel Galea, Jesmond Haidon, u Carmelo Cutajar wahidhom** nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tal-10.30 ta' filghaxija, filwaqt illi kienu fir-residenza li tinsab fil-fond Flat 4, St George's House, Triq il-Bacir, gewwa l-Imsida, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat sabiex jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw l-persuna ta' Richard sive Rakela Spiteri mill-Belt Valletta kontra l-volonta' taghha, jew taw l-post sabiex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, waqt liema delitt heddewha li joqtluha jew jaghmlulha offiza fuq il-persuna taghha, u dan bi ksur tal-Art 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

H. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, uzaw vjolenza sabiex igieghelu lil xi hadd jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga, u dan bi ksur tal-Art 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

I. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, hebbew kontra l-persuna ta' Richard sive Rakela Spiteri mill-Belt Valletta, sabiex jingurjaha jew jaghmlulha hsara lill-istess, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

J. U aktar talli **Reno Azzopardi wahdu** fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-hin illi kien qed jaghmel id-delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarja jew offiza fuq il-persuna nvolontarja), jew delitt ta' serq jew ta' hsara lill-proprjeta' (barra minn hsara nvolontarja lill-proprjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

K. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Rita Agius mill-Kalkara u lil Richard Spiteri mill-Belt Valletta, permezz ta' arma regolari;

L. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess arma regolari, cioe' senter, mnghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

M. U aktar talli nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tal-10.30 ta' filghaxija, filwaqt illi kien fir-residenza li tinsab fil-fond Flat Nru 4, St George's House, Triq il-Bacir, gewwa l-Imsida, ikkometta s-serq ta' mobile phone tad-ditta Nokia, mudell 3220 u bin-numru tas-serje 351860/01/898496/50530839, ghad-dannu ta' Richard Spiteri mill-Imsida, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, u bil-lok u dan

bi ksur tal-Artikoli 262, 269(g), u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

N. U aktar talli filwaqt illi kien qieghed jinzamm gewwa l-Ghassa tal-Imsida, u kien sejjer jigi skortat lejn il-Lock-Up, harab mill-kustodja tal-Pulizija;

O. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, filwaqt illi kien gewwa l-Ghassa tal-Imsida, ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallix jew fixkel waqt illi l-pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

P. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija minn Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Q. U aktar talli **Jesmond Haidon wahdu**, nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tal-10.30 ta' filghaxija, filwaqt illi kien fir-residenza li tinsab fil-fond Flat Nru 4, St George's House, Triq il-Bacir, gewwa l-Imsida, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' ghamara li kienet tinsab fl-istess fond, ghad-dannu ta' Richard Spiteri, u persuni ohra, liema hsara teccedi l-€116.47 (mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu), izda ma teccedix l-€1,164.47 (elf mija u erbgha u sittin Ewro u sebgha u erbghin centezmu), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

R. U aktar talli **Joanne Ellul wahidha** saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija minn Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

S. U aktar talli kisret diversi Ordnijiet ta' Probation moghtija mill-Magistrat Dr Michael Mallia LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat nhar id-9 ta' Gunju, 2009; mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat fis-6 ta' Novembru, 2009; mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat nhar it-12 ta' Frar, 2010; mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema zewg sentenzi nghataw fit-12 ta' Marzu, 2010; u mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat nhar is-7 ta' Ottubru, 2009.

T. U aktar talli **<u>Carmelo Cutajar wahdu</u>** kiser Ordni ta' Probation moghtija mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat fis-26 ta' Novembru, 2009

U. U aktar talli **<u>Carmelo Galea wahdu</u>** rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, liema sentenza ma tista' tigi mibdula qatt.

Rat illi moqrija l-akkuzi fi stadju ta' interrogatorju, l-imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-istess;

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':

a. **<u>Fil-konfront tal-imputati kollha</u>**, fl-Artikoli 18, 86, 87(1)(c), 251(1), 251B(1)(2), 339(1)(e), 338(bb), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. **<u>Fil-konfront ta' Reno Azzopardi , Carmelo Cutajar, Carmel Galea, u Jesmond Haidon</u>**, fl-Artikoli 86, 87(1)(c), 251(1), 339(1)(d), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. **<u>Fil-konfront ta' Reno Azzopardi wahdu</u>**, fl-Artikoli 49, 50, 261, 262(1)(2), 269(g), 270, 275, 276, 277(a), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. **<u>Fil-konfront ta' Jesmond Haidon wahdu</u>** fl-Artikoli 325(1)(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. **<u>Fil-konfront ta' Joanne Ellul wahidha</u>** fl-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. **<u>Fil-konfront ta' Carmelo Cutajar wahdu</u>** fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (folio 289).

Rat ukoll illi f'dan l-istadju tal-proceduri, il-Qorti laqghet it-talba li ssir separazzjoni tal-gudizzju u dawn il-proceduri jitkomplew biss fil-konfront ta' Carmelo Galea, in vista' tal-istat prekarju tas-sahha tieghu, tant illi l-imputat ghal diversi drabi kellu jigi assistit minn paramedici msejha appozitament.

Il-Qorti ghalhekk, anke ghax gie dikjarat li Carmelo Galea ma kellu ebda provi in difesa xi jressaq, ghaddiet biex tisma' t-trattazzjoni biex ghalhekk tasal ghal gudizzju.

## **<u>Ghalhekk din id-decizjoni hija biss fil-konfront ta' Carmel Galea.</u>**

Rat il-provi kollha prodotti. Senjalament xehdu certu **<u>Richard Spiteri</u>** u **<u>Rita Agius</u>**, dwar theddid u offizi minnhom subiti.

Xehdu wkoll **<u>membri tal-Korp tal-Pulizija</u>** li assistew f'din l-investigazzjoni. L-Ufficjal Prosekutur minn naha tieghu xehed illi l-involviment dirett tieghu kien li jkellem lil Rita Agius. Din kienet qaltlu in succint u skondtu b'certu reticenza, illi kienet marret ma' certu Richard Spiteri ghand Carmelo Galea, hi biex tissellef xi flus minghand dan Galea.

Ammettiet mieghu li dan sar biex Spiteri jehda lil Galea b'certu gesti sesswali u johodlu c-choker biex dan jinbiegh. Irrizultalu li r-rikavat ta' dan il-bejgh inqasam bejn dan Galea u dan Richard Spiteri.

Kellem ukoll lil Richard Spiteri li skondtu ma kinx f'dan l-istadju daqstant koperattiv.

Ezebixxa wkoll l-istqarrija tal-imputat Carmelo Galea bhala Dok JB4 a folio 63.

**<u>PS 1268 Ivan Caruana</u>** xehed illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru, ghall-habta tal-hdax u ghoxrin ta' filghaxija, dahlet fl-ghassa tal-Imsida certu Rita Agius li ghamlet rapport li certu Reno Azzopardi kien ippuntalha senter. Tathom din l-indirizz fejn kien qieghed jinqala' incident fil-konfront ta' Richard Spiteri, u meta waslu fil-fond indikat, jghid dan ix-xhud illi hemm sabu lil certu Richard Spiteri fi stat ta' paniku u li kien anke qieghed jibki. Skont dan is-Surgent, gewwa mieghu kien hemm certu Carmelo Galea u Jesmond Haidon.

Ezebixxa l-PIRS report tal-incident.

Minn naha tieghu, **<u>PC 1369 Joseph Camilleri</u>**, qal illi Rita Agius darba li dahlet fl-ghassa tal-Imsida fi stat ta' paniku, allegat li certu Reno Azzopardi kien ippuntalha senter ma' rasha. Indikatilhom fejn kien qieghed isir l-incident,

u meta waslu hawn jghid illi sabu demm mal-art, ra wkoll xi erbgha(4) minn nies gol-flat illi kienu jidhru panikuzi. Gharaf lill-imputati kollha barra lil Azzopardi – dan ghaliex rah fl-ghassa tal-Imsida. Allura jigi li gharaf ukoll hemm prezenti lil Carmelo Galea. Qal illi gie allegat lilu li certu Richard misjub bhala Rakela Spiteri, kien suppost seraq gizirana lill-aktar anzjan, allura lil Carmelo Galea.

Dan **Richard Spiteri** xehed minn naha tieghu, illi fil-lejl ta’ bejn id-29 u t-30 ta’ Ottubru, 2010, hu kien fil-flat tieghu jara DVD meta cempillu l-mobile u kellmu ragel li ndikalu li kien klijent tieghu, klijent tal-prostituzzjoni. Qallu dan biex jinzel il-flat il-Marsa. Wiegbu dan Richard fin-negattiv, stante li kien bil-pyjama. Qal illi dan rega’ cempillu, dejjem gahll-habta tad-9.00pm, u stante li kellu jmur id-dar ghandu, u spjegalu fejn, hdejn il-Junior Lyceum. Xehed illi telghu ghandu Reno u Carmelo Galea. Xehed illi lil Reno kien jafu by sight, mentri spjega li filghodu kellu ncident ma’ Galea.

Dwar l-incident, xehed illi certu Rita kienet talbitu jmur ghand wiehed u jaqlaghlu choker. Ammetta li hu kien kapaci jaghmel dan bla ma jinduna l-proprjetarju. Qal illi Rita baqghet tiffittah u ghax sabitu naqra broke, mar maghha ghalhekk. Xehed illi dwar dan kien inghata sentenza li ghaddiet in gudikat.

Marru ghand dan Galea. Qal illi Rita tatu xi ghaxar Ewro (€10) lil dan, u hu ghamillu “cup” – (hawn miss sidru), u c-choker gie f’idu. Qal illi tant dan ma ndunax ix-xih b’dan, illi lanqas ghamel rapport l-ghassa.

Qal illi meta ra lill-imputati marru ghandu (eskluda lil Cutajar), Reno Azzopardi baghat lil Haidon igib is-senter. Qal illi darba li Reno kellu s-senter f’idu, dan tefghu fir-rokna bejn il-kamra tal-banju u s-sodda, u ghamillu s-senter ma’ wiccu. Dwar Galea, qal illi dan qabdu minn xagharu u nizzlu, mentri huwa - Richard, beda jitlobhom biex jirrangaw. Qal illi Reno, barra li beda jippuntalu s-senter, anke xxuttjalu l-mejda, li kissirlu kull ma kien hemm. Dwar l-ammont ta’ hsara, xehed illi ma kinitx teccedi l-mitt Ewro (€100).

Dwar l-atteggjament ta’ Galea, qal illi waqt li hu kien qed jigi mizmum fir-rokna bis-senter, Galea “*Dak ix-xih baqa’ fuq is-sodda qisu s-sinjur hekk.*” (folio 112) Iddeskriva b’idejh marbutin. Matul dan kollu jghid illi hu beda jibki. Hass illi kienu “*.....my last five minutes.*” (folio 114)

Qal illi Reno baqa’ jitolbu c-choker. Beda anke jghidlu li ried ipattieha. Anke kissirlu l-mobile.

Mistoqsi x’ghamel matul dan l-imputat Galea, xehed hekk:

"*Dan kien qisu l-kmand taghhom. Jien rajtu hu qisu li qed jghidilhom, hu bil-qieghda fuq is-sodda u li jghidilhom hu jaghmlu.*" (folioi 116 - 117).

Xehed illi dan semghu hu li qallu b'referenza ghac-choker, li kien qed jikkmandhom ix-xih. Zied illi x-xih, (allura l-imputat Galea), qallu hekk:

"*Hin minnhom qalli xi ggibha ghada. Qalli jekk mhux qieghda hawn illum trid tpattieha taghha.*" (folio 117) Dan ghaliex skont Spiteri hu beda jipprova jtaffi s-sitwazzjoni bili jghidilhom li l-ghada kien ser igib ic-choker misruq.

Qal illi x'hin harbu bis-senter, hadu maghhom in-Nokia tieghu, harbu pero Haidon u Reno mhux l-imputat Galea. Zied illi dawn harbu anke bis-senter wara li gar tieghu rahom, u tnejn minnhom harbu u tnejn baqghu go daru.

Xehed ukoll illi meta waslu l-pulizija, hu telaq mid-dar u beda jibza' jerga' jirritorna hemm, cioe' go daru.

Minn naha taghha, **<u>Rita Agius</u>** xehdet illi hi talbet l-assistenza tal-ghasssa tal-Imsida ghaliex Reno u dawk l-erba'(4) imputati, rikkbuha go karozza u kellhom is-senter fin-nofs.

Spjegat illi lil Reno kienet tafu ghax dak iz-zmien kellha l-vizzju tad-droga u marret u kienet tmur ghand Reno biex tixtri l-eroina. Spjegat illi fix-xahrejn li kienet ilha tafu, kienet tmur darba iva u ohra le. Gieli kienet tixtri tnejn sa tliet pakketti tat-ten.

Qalet illi kien hawn, cioe' meta marret f'daru, li talabha titla' fil-karozza biex tiehdu fejn kienet toqghod Rakela. Qalet illi Reno kien joqghod faccata tal-anzjan, allura ta' Galea. Qal illi hu cempel lil din Rakela biex taparsi jmur maghha, in kwantu din kienet prostituta. Ghalhekk rikkibha fil-karozza biex tiehdu ghand Rakela. Kienet hi li tatu n-numru tat-telephone ta' Rakela ghax qalet illi bdiet tibza' minnu.

Qalet illi hi kienet tafha lil din Rakela u li dan Reno ried imur ghall-gizirana tal-anzjan. Ziedet illi anke kellu senter ikkargat ghaliha.

Dwar il-gizirana, qalet illi kienet Rakela li haditha, illi hi kienet qalet il-verita' u kixfet lil Rakela. Ziedet illi hi ma kinitx rat lil Rakela tiehu din il-gizirana, pero kienet qaltilha li anke kienet bieghitha – dan dejjem b'referenza ghall-gizirana tal-anzjan.

Spjegat illi Reno fil-presenza tax-xih (Galea) heddidha bis-senter, qallha li jekk kienet ser ticcaqlaq kien ser jisparalha. Xehdet illi s-senter kien ippuntah lejha - dan sakemm marru ghand Richard Spiteri. Ziedet illi ghalhekk hi ma setghetx

tahrab minnhom. Qalet ukoll illi dan is-senter kien anke ppuntat lejha fil-karozza.

Dwar is-serq tal-gizirana, (li taghha hi wkoll iffaccjat gudizzju, issa definittiv skont l-Ufficjal Prosekutur), qalet illi hi ghal dan is-serq kienet prezenti ma' Spiteri.

Dwar is-sekwestru taghha fil-karozza, qalet illi kien Richard li kien qieghed isuq u quddiem hdejh kien hemm ix-xih, bis-senter f'nofshom. Qalet issa li l-kanna kienet qed tipponta lejh 'il quddiem.

Xehdet din illi semghet diskors bejniethom li kienu ser imorru ghand Richard Spiteri biex jhedduh, li nizlu l-erbgha minn gol-karozza, hallew maghha lit-tfajla, pero harbitilha u ghalhekk marret l-ghassa. Harbet lil Joanna.

Qalet illi lilha Reno beda jheddidha; li kollox Reno beda jaghmel. Indikat illi ghand l-anzjan nizlu l-erbgha, inkluz Reno u l-anzjan. Maghhom nizzlu s-senter. Hawn kienu l-Imsida.

In kontro ezami, ikkonfermat illi l-incident inqala' ghax hi kienet rat xi deheb id-dar tal-anzjan, u dan haseb illi kienet ser tohodhomlu. Xehdet illi pero l-incident li bdiet tixhed fuqu gara l-ghada, cioe' tas-senter u tat-theddid.

Rat ukoll ir-relazzjoni ezebita mill-esperti ballistici l-Brigadier Maurice Calleja u Jesmond Cassar – Dok BC/JC a folio 271 – 274.

Gie hemm konkluz dwar l-iskartocc misjub, hekk:

"

1. *Fuq inkarigu lilhom moghti mill-Magistrat Dott Miriam Hayman d'digriet tat-18 ta' Novembru, 2010, l-esponenti gew nominati esperti sabiex jiritraw mill-Qorti, jezamina u jirreltaw dwar Dok JB1, li kien ezebit mill-Ispettur Jesmond Borg;*

2. *Fit-22 ta' Novembru, 2010, l-esponenti rtiraw mill-Awla tal-Magistrat Dott Miriam Hayman LL.D l-ezebita Dok JB1;*

3. *Mill-ezamijiet li ghamlu l-esponenti fuq gie stabbilit illi:*
   *Dok JB1 skartocc tal-kacca mhux sparat ta' Gauge 20 u ta' lewn safrani. Dan l-iskartocc li huwa manifatturat l-Italja mid-ditta R.C.l ghandu n-numru 6 stampat fuqu kif ukoll GR28, dawn jindikaw illi dan huwa kkargat bi 28 grammi comb ta' qies numru 6. Dan l-iskartocc jista' jigi*

*sparat minn kull tip ta' senter ta' Gauge 20, jigifieri, kemm wiehed semi-awtomatiku, pump action, ta' b'zewg kanen, u anke ta' kanna wahda. Ghalkemm dan l-iskartocc huwa xi ftit izghar minn dawk l-aktar komuni, jigifieri dawk ta' Gauge 12, pero xorta wahda huwa skartocc b'sahhtu hafna. Barra minn hekk l-esponenti jixtiequ jzidu li c-comb li huwa kkargat bih dan l-iskartocc huwa meqjus bhala comb irqiq.*

4. *Dan l-iskartocc Dok JB1 qed jigi ritornat il-Qorti flimkien ma' din ir-relazzjoni.*"

Kif gia' espost, giet ezebita wkoll mill-**<u>Ufficjal Prosekutur</u>** l-istqarrija tal-imputat Carmelo Galea a folio 63.

Dwar Rita Agius, qal illi din kienet tmur id-dar tieghu, u jkollha x'taqsam mieghu. Qal li l-gurnata ta' qabel din l-istess Rita kienet marret ghandu flimkien ma' ragel li kien jilbes ta' mara. Qal illi dan kien mar fuqu, tefa' jdejh ma' ghonqu u hareg sidru. Beda jmissu u jbaghbsu, u wara qam minn fuqu. Qal illi dak il-hin Rita kienet fil-kcina tippassigga.

Qal illi kien wara nofsinhar li nduna li serqulu l-gizirana. Qal illi f'dik il-gurnata ma kien mar hadd izjed ghandu hlief huma. Zied illi filghaxija kienu marru ghandu Reno, Charlie z-Zoku, Joanne u Jesmond u li zammew lil Rita biex din tghidilhom fejn kien joqghod dak li kien maghha. Qal illi qaltilhom dan bil-biza'. Ikkonferma li huma rikkbu lil din Rita fil-karozza ta' Joanne u marru l-Imsida ghand dan Richard Spiteri.

Qal illi meta ra lil dan Richard cahad illi kien ha l-gizirana, hu mbuttah. Qal ukoll illi c-choker misruq kien jiswa circa Lm200.00. Ammetta li hu (flimkien mal-ohrajn), kien zamm lil Rita, impedieha milli tohrog sakemm qaltilhom x'kien sar mic-choker. Ammetta li hu beda jghajjat ma' Rita.

Innega li hu hedded lil Rita li kien flimkien ma' Reno ser jorbtuha bil-wire, pero ammetta li zammewha fil-karozza maghhom meta marru ghand Spiteri.

Mistoqsi dwar l-iskartocc, u ghala kienu fix-shorts tieghu, wiegeb illi **<u>dan kien fil-qiegh tal-karozza u gabru.</u>**

Illi ghandu hawn ukoll jigi precizat illi din l-istqarrija kif jidher minnha stess, u anke xehed l-Ufficjal Prosekutur, ittiehdet wara li Galea nghata d-dritt tal-assistenza legali.

Illi ghalhekk hija, la darba ammissibbli, l-prova regina ta' dak illi jintqal go fiha! Certament fil-kaz in dezamina dak illi qal Galea, anke jekk m'ammettix

ghal kollox l-involviment tieghu, huwa ben pruvat u korraborat mill-provi gia' ezaminati.

L-Artikoli addebitati lil Galea huma 18, 86, 87(1)(c), 251(1), 251B(1)(2), 339(1)(c), 338(bb), 338(dd), 339(1)(d), 17, 31, 533 – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitratta dwar sekwestru, zamma, jew arrest ta' persuna kontra l-volonta' tal-istess minghajr awtorita' jew setgha skont il-Ligi.

Mela kjarament biex jirrizulta dan ir-reat jinhtieg illi z-zamma jew l-arrest tkun kontra l-volonta' tal-persuna hekk mizmuma u arrestata. Mistoqsija hawn li trid issir fil-valutazzjoni ta' dan ir-reat, hija setghetx il-persuna mizmuma taghzel li titlaq lis-sekwestratur taghha, li volontarjament tallontana ruhha. Issa tali zamma, mhix necessarjament hija wahda manifestata b'irbit jew sokor. Zamma tista' tikun manifesta anke b'impediment ta' uzu ta' oggett bhal arma ppuntata lejn il-persuna bl-*intendere* li din jekk ticcaqlaq ser issofri dannu anke, pero mhux necessarjament fatali.

Certament kemm Rita Agius kif ukoll Richard (Rakela) Spiteri, jghidu, xehdu, illi huma gew mizmuma kontra l-volonta' taghhom milli jitilqu taht kundizzjoni – Agius biex taghti l-indirizz ta' Spiteri, u Spiteri biex jirritorna c-choker. It-tnejn gew hekk mizmuma bit-theddid u uzu ta' arma tan-nar.

Verament din l-arma kienet dejjem f'idejn Reno Azzopardi, bla dubbju ta' xejn pero l-imputat Carmel Galea kien ferm prezenti u anke ko-partecipanti ta' dan kollu. Agius tixhed illi hu kien bil-qieghda fil-karozza fuq quddiem, karozza misjuqa minn Azzopardi, bl-arma f'nofshom, karozza li hi giet kostretta li titla' fiha u tibqa' fiha. Daqstant iehor Spiteri mizmum "*at gun point*", ukoll ma setax "*at will*" jallontana ruhu. Dan ukoll fil-presenza ta' Galea. Spiteri sahansitra jiddeskrivi lil Galea bhala l-kmand.

L-Artikolu 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula l-aggravanti tal-Artikolu suespost. Ghalhekk sekwestru li jikkaguna fuq is-sekwestrat offiza fuq il-persuna jew ikun akkumpanjat b'theddid ta' mewt igorr, piena karcerarja aktar gravanti.

Richard Spiteri xehed illi Azzopardi beda jghidlu waqt illi kien qed jippuntalu s-senter, illi talli ha c-choker kien ser ipattieha. Jghid ukoll illi hass illi dawn kienu l-ahhar minuti ta' hajtu.

Certament, ghalkemm tali azzjoni hija kjarament wahda ta' theddid, u tista' tohloq biza' "*for one's life*", pero Spiteri, ghalkemm hass din il-biza', qatt ma xehed b'mod car illi gie mhedded u mminccjat b'hajtu. Jghid biss li qalulu li kellu jpattieha, il-kif mhux car. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx dan l-aggravju mhux kjarament pruvat f'dan ir-rigward.

Pero minn naha taghha Rita Agius kjarament xehdet hekk:

"*Kellu s-senter quddiem l-anzjan xhud li kien qieghed h emm, ikkargat lest ghal Rakela u ghalija, u qalli jekk ticcaqlaq nisparalek.*" (folio 159)

Certament theddid u diskors bhal "*Ha nisparalek!*", jaqa' bla dubbju fl-ambitu ta' theddida ta' mewt ai termini tal-Artikolu 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa verament kemm Agius kif ukoll Spiteri, xehdu li kien Azzopardi li kellu dejjem l-arma f'idu. Daqstant iehor jirirzulta li x-xih - Carmelo Galea (xih hekk deskritt mix-xhieda), kien *oltre che'* partecipanti f'dan ir-reat. Rita Agius tghid anke li gibdilha xagharha u nizzlilha rasha 'l isfel, kien dejjem prezenti waqt it-theddid, minacci, u s-sekwestru. Richard Spiteri, kif gia' inghad, jasal anke biex jiddeskrivieh bhala l-kmand taghhom (a folio 116).

F'dan ir-rigward ta' komplicita', il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant tqis illi Carmelo Galea huwa hati tar-reati kkontemplati taht l-Artikoli 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikoli l-ohrajn addebitati huma ir-reati misjuba fl-Artikoli 251(1), 251B(1)(2), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 251 jitkellem fuq uzu ta' vjolenza sabiex l-agent igieghel lis-suggett passiv li jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga.

L-Artikolu 251B jittratta dwar imgieba li twassal ghal biza' ta' uzu ta' vjolenza, meta l-agent ta' tali uzu ta' vjolenza jaf jew missu jaf illi l-imgieba tieghu ser tikkaguna biza' kull darba li tinqala' tali okkazjoni. Is-Sub Inciz (2) ta' dan l-Artikolu jqieghed it-test ta' dak illi hu ragonevoli li persuna messha taf illi ser tikkaguna bl-imgieba taghha : biza' ta' vjolenza.

Jerga' jigi rilevat, illi bla dubbju ta' xejn l-uzu ta' arma, anke l-mera wirja "*flaunting*" taghha, tista' u ghandha ragonevolment tqis illi ser tinduci biza' ta' vjolenza. Altrimenti ghalfejn ghandha tigi l-arma murija persuna li sahansitra qed tigi mhedda u kkonfronatata verbalment. Bla dubbju ta' xejn l-arma giet murija kemm lil Agius u lil Spiteri, fil-kaz ta' Spiteri aghar, ghax ippuntaha lejn wiccu, biex jigu kostretti u mgieghla jaghtu nformazzjoni – allura jaghmlu xi haga. Certament fil-fehma ta' din l-Qorti, dan ir-reat huwa rizultanti.

Ghandu wkoll jigi enfasizzat, illi l-istess agir li gie wzat fil-konfront ta' Agius gie adottat fil-konfront ta' Spiteri f'**qasir zmien**. Ghal tali agir l-imputat Galea, ghalkemm ma kinx hu li kellu l-arma f'idu, tant kien partecipi attiv li Spiteri ddeskrivieh bhala l-kmand. Hawn ghalhekk jirrizulta l-*course of conduct* mehtieg ghal dawn ir-reati in dezamina!

F'dan ir-rigward, fil-konfront tal-fastidju kkagunat, il-Qorti ser taghmel referenza ghad-definizzjoni tal-istess misjuba fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt A Cachia) vs Massimo Tivisini" deciza nhar is-27 ta' Frar, 2009.

"*Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali.*"

"*Umbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu*

*meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fit-tieni imputazzjoni. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251A (3)(a)(b) u (c) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.*"

Ghaldaqstant din il-Qorti, tqis illi Carmelo Galea huwa hati wkoll tar-reati kkontemplati fl-Artikoli 251, 251(B), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif gia' ntqal, ir-reati li taghhom instab hati Carmelo Galea, ghalkemm, saru f'hinijiet differenti, saru bla dubbju ta' xejn b'risoluzzjoni wahda: tpattija u li jinstab ic-choker – ghalhekk gew anke sodisfatti r-rekwiziti tar-reat kontinwat kontemplat fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta (aggravju dan li fih innifsu, minhabba l-"course of conduct" huwa kompriz fl-Artikolu 251B gia hawn fuq ikkonsidrat).

L-Artikoli l-ohra addebitati kontra Carmelo Galea huwa dawk ta' natura kontravenzjonali – l-Artikoli 339(1)(e), 339(1)(d) – certament dawn it-tnejn trattandosi ta' inguri u theddid, dwejjaq, u hsara rispettivament, huma assorbiti fl-Artikoli 251 u 251B appena trattati.

L-Artikolu 338(bb) jitratta dwar kliem oxxen jew incident meghdud fil-pubbliku, jew atti oxxeni maghmula fil-pubbliku, b'mod li jigu offizi l-morali, imgieba xierqa jew dicenza pubblika. L-Artikolu 338(dd) jitratta dwar ksur ta' paci pubbilka b'mod volontarju – ebda wahda minn dawn il-kontravenzjonijiet ma jirrizultaw fil-konfront ta' Carmelo Galea.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 18, 86, 87, 251(1), 251B(1)(2), 339(1)(e), 339(1)(d) – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilliberah mill-effetti tal-Artikoli 338(bb), u 338(dd) tal-istess Kapitolu kif gia’ spjegat.

Dwar il-piena, rat illi fl-akkuzi Carmelo Galea gie anke addebitat bir-recidiva taht l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli dawn mhux imnizzla fl-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Rat ukoll illi fl-atti giet ezebita sentenza kontra certu Carmelo Galea a folio 198, u jidher illi fl-istess dan Carmelo Galea, imwieled il-Birgu, iben Salvatore, gie kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ta’ ghaxar (10) snin, dan pero fis-sena 1974;

Rat ukoll illi ebda fedina penali tal-imputat ma giet lilha prezentata, allura l-Qorti ordnat li tigi hekk prezentata wahda aggornata.

Qieset anke l-eta’ tal-imputat Galea llum, u cioe’ ta’ 76, u anke l-istat ta’ sahha tieghu, li jidher anke a viso bhala wiehed prekarju;

Rat anke n-nota ezebita mid-Difiza dwar dan.

Tikkundannah, anke wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal piena karcerarja ta’ sentejn(2) sospizi ghal erba’(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal sehem ta’ wiehed minn hamsa ghall-ispejjez peritali ammontanti ghal mija u sittax-il-Ewro u sitta u sittin centezmu (€116.66), li ghandhom jithallsu fi zmien gimgha minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------